**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2025**

Rikors Numru: 232/2025 AL

A B

VS

C D

(M.R. Numru 2249/2008)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

Illi l-partijiet iżżewġu fis-6 ta' Diċembru 2008 fil-Knisja Parrokjali tal-Qalb Immakulata ta' Marija, Burmarrad liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta Malta bin-numru progressiv 2249/2008 kif jirriżulta miċ-ċertifikat anness u immarkat Dok 'A'.

Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi ppubblikat fis-sbatax ta' Marzu tas-sena elfejn

ħamsa u għoxrin, kif jirriżulta mill-koja tal-kuntratt anness u immarkat Dok 'B'.

Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għal-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Għaldaqstant l-esponent umilment jitllob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2025;

Semghet lill-intimat preżenti fl-awla, fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'ghandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Marzu 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.